# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 7 ta' Mejju 2002**

**Avviz. numru 1944/97**

**Numru 20**

**Robert Cassar**

**vs**

**Silvio Spiteri u b'digriet tas-6 ta' Mejju 1998 jizdied Joseph Camilleri li gie kjamat in kawza.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun kundannat li jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni minnu subiti stante incident awtomobilistiku li ssuccieda fit-23 ta' Gunju 1997 fit-3.15p.m. f'Industrial Estate, Luqa meta l-konvenut kien qed isuq karozza tal-marka Isuzu numru ta' registrazzjoni Y-1930 u l-mittenti kien qed isuq Fiat 127 bin-numru ta' registrazzjoni SEX 127 stante li l-incident in kwistjoni issuccieda tort unikament tal-konvenut

minhabba f'imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal kull buon fini qed jigi dikjarat li l-ispejjez ma jeccedux il-Lm200.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (Fol 9 tal-atti):

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident stradali ma garax tort tieghu izda l-uniku responsabbli ghall-kollizzjoni kien Joseph Camilleri li kien qieghed isuq it-truck tieghu KAA-119.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet moghti fis-6 ta' Mejju 1998 (fol 14, 15 u 19 ibid) u li bih gie kjamat in kawza, Joseph Camilleri.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-istess kjamat in kawza (fol 23 ibid) u li biha eccepixxa:

1.Illi fil-kontront tieghu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li huwa m'ghandux x'jaqsam ma' l-incident de quo u ghalhekk ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> (fol 33 u 34 tal-atti) spjega li kien qed jsuq fil-lokalita' murija fuq l-<u>iskizz</u> tal-incident (ara fol 2, 44 u 51 tal-istess atti) meta, fi kliemu stess "rajt van gej bis-sahha", liema vettura, misjuqa mill-konvenut "Ghal xi raguni gie fuq in-naha tat-triq tieghi" In konnessjoni ma dan il-punt, hu semma' li fl-istess lokalita' kien hemm "van iehor" ipparkeggat fejn hu stess immarka bl-ittra "X" ossija salib fuq l-istess skizz imsemmi. In rigward din il-vettura, hu qal li ma kienx innota jekk f'xi hin, din iccaqalqet "jew le" jew jekk kienitx qed tigi indjetreggata.

Illi, dwar l-ahhar vettura msemmija, fil-kopja tar-rapport redatt minn PC 362 Lawrence Lia u esebit in atti a fol 41 hemm mnizzel li l-konvenut kien stqarr, fuq il-post tal-incident, li hu kien ra vettura misjuqa mill-kjamat in kawza, Joseph Camilleri, li kien "qed jirriversja". Minhabba hekk, hu ghafas il-"brake" waqt li "tilef il-kontroll bil-konsegwenza li habat" mal-vettura misjuqa mill-attur. L-istess PC 362 Lawrence Lia (fol 49 u 67 et seq ibid) xehed u semma li fuq il-post tal-incident kien hemm biss il-vetturi uzati, mill-attur u l-konvenut. Inoltre kemm il-konvenut kemm l-attur kienu qalulu li l-"van" misjuq mill-kjamat in kawza kien involut f'dan l-incident, kif hawn fuq spjegat (ara fol 68 tal-atti). Pero meta kien mar fuq il-post, kemm il-"van", kemm il-kjamat in kawza ma kienux hemmhekk. Difatti hu kien baghat ghal dan li qallu li ma kienx involut fl-incident imsemmi waqt li kien ammetta li kien jinsab fl-istess post meta gara.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 53 et seq ibid) spjega li kien qed jsuq b'velocita' ta' madwar tletin (30) kilometru fis-siegha u waqt li kien ghaddej mill-Qasam Industrijali fejn gara l-incident "…. Irriversjali "van" ". Bhala konsegwenza "… jiena kelli naqla

harira l-barra" u " … sibt il-karozza l-ohra gejja ghal go fiha" minn faccata. Minhabba hekk, saret il-habta avolja applika l-"brakes" (ara ukoll ix-xhieda ta' mart il-konvenut, Nancy Spiteri a fol 56 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, jidher fuq basi ta' probabilta' li dan l-incident gie effettivament kagunat mill-manuvra maghmula mill-kjamat in kawza, liema manuvra, ossija indjetreggament ta' vettura fuq triq li tidher pjuttost traffikuza, saret minghajr id-debita prudenza u attenzjoni. Ghalhekk, jidher li r-responsabilta ghall-istess incident trid tigi akkollata, kollha kemm hi, lill-istess kjamat in kawza, li qatt ma deher, f'dawn il-proceduri u lanqas issottometta xi prova in sostenn tal-eccezzjoni tieghu.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut iddikjara (fol 31 ibid) li ma kienx qed jikkontesta l-ammont ta' danni pretizi mill-attur (ara fol 30 u 31 ibid). Hawnhekk ghandu jinghad li l-attur jippretendi, a basi tal-ircevuti esebiti minnu, li l-hsarat kollha kienu jammontaw ghal Lm550. Pero', l-attur fl-avviz in esami kien iddikjara testwalment (fol 1

ibid) “Ghal kull buon fini qed jigi dikjarat li l-ispejjes ma jeccedux il-Lm200”. Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax tmur “ultra petita” u ghalhekk ser tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm200.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni moghtija mill-konvenut, Silvio Spiteri, u tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess konvenut, tilqa t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut kjamat in kawza, Joseph Camilleri u:

1. tiddikjara lill-istess kjamat in kawza Joseph Camilleri bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-istess kjamat in kawza;

2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm200.00,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut, kjamat in kawza, Joseph Camilleri sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm200 bl-imghax legali mit-12 ta’ Settembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha.

Alan Calleja
Deputat Registratur